**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

AB (K.I. 0000000M)

*vs.*

Avv. Dottor CB maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-eredita' ġjaċenti ta' FF

**Ċedola ta' Depożitu ta' AB (K.I. 0000000M)**

Jesponi bir-rispett,

Illi l-esponenti jikri minghand l-intimat *nomine* l-fond ossia ħanut bin-numru uffiċjali tletin (30), Triq San Benedittu, Mosta liema ħanut jismu "GG" liema lokazzjoni ilha viġġenti sa mill-20 ta' Diċembru 1988 u dan versu l-kera annwa ta' għoxrin Lira Maltija (LM20) ekwivalenti għal sitta u erbgħin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59);

Illi in virtu tal-Art. 1531D(1) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, tali kirja in kwantu hija kummerċjali ġiet riveduta b'effett mill-20 ta' Diċembru, 2010 għal tlieta u ħamsin ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€53.58), b'effett mill-20 ta' Dicembru 2011 ghal wiehed u sittin euro u tnejn u sittin centezmu (€61.62) fis-sena, b'effett mill-20 ta' Dicembru 2012 ghal sebghin euro u sitta u tmenin centezmu (€70.86), b'effett mill-20 ta' Dicembru 2013 ghal wiehed u tmenin euro u disgha u erbghin centezmu (€81.49), b'effett mill-20 ta' Dicembru 2014 ghal hamsa u tmenin euro u sitta u hamsin centezmu (€85.56), b'effett mill-20 ta' Dicembru 2015 ghal disgha u tmenin euro u erbgha u tmenin centezmu (€89.84), b'effett mill-20 ta' Dicembru 2016 ghal erbgha u disghin euro tlieta u tletin centezmu (€94.33), b'effett mill-20 ta' Dicembru 2017 ghal disgha u disghin euro u erbgha centezmi (€99.04), b'effett mill-20 ta' Diċembru 2018 għal mija u tlett euro u disgha u disghin centezmu (€103.99)

Illi s-sid tal-fond *de quo* ossia FF miet fl-Awstralja nhar l-1 ta' Jannar 2001 u skont l-aħħar testment li jaf bih l-esponenti, huwa istitwixxa lil TF li jabita f'Melbourne l-Awstralja bħala *Trustee* tal-eredita' tiegħu li mhux qiegħed jaċċetta l-kera u dan mingħajr ġusta kawża, u għalhekk l-esponenti irrikorra għan-nomina ta' kuratur deputat u permezz ta' digriet mogħti nhar il-1 ta' Frar 2005, din l-Onorabbli Qorti ħatret lill-intimat bħala kuratur;

Illi l-esponenti sabiex jeżimu ruħu minn kwalsiasi responsabilita se jgħaddi għad-depożitu taħt l-awtorita ta' din l-Onorobbli Qorti tal-ammont dovut in linea ta' kera għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi għall-iskadenza tal-21 ta' Diċembru 2018 sal-20 ta' Diċembru 2019 fis-somma ta' €103.99;

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jeżimi ruħu minn kwalsiasi responsabbilta' qiegħed jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorita' tagħha jiddepożita s-somma ta' € li flimkien ma' € spejjeż tal-odjerna proċedura oltre s-somma VAT fuq drittijiet jammontaw għal €103.99, rappreżentanti kera tal-fond 30, Triq San Benedittu, Mosta għall-perjodu mill-21 ta' Diċembru 2018 sal-20 ta' Diċembru 2019, sabiex tiġi liberament żbankata mill-intimati prevja r-rilaxx ta' debita riċevuta.

Avv. Marycien Vassallo
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Esponenti: -
Intimat: Il-Qorti, Valletta